# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 29**

**Avviz numru 510/00/SM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Mark Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm416.92,0) bilanc ta'somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici**

**ghall-perjodu mill-10 ta' Gunju 1998 sat-23 ta' April 1999;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali;**

**3. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-konvenut informa lis-socjeta' attrici li l-mobile telephone tieghu kien intilef, u ghaldaqstant il-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jghamel uzu minnu kif allegat, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi se mai, s-socjeta' attrici kellha taccerta ruhha li ma jibqax ikun hemm access ghan-numru in kwistjoni la darba sarilha r-rapport (bil-miktub) li t-telephone set kien intilef;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti tinsab sbalordita bil-procedura odjerna stante li hadd mill-partijiet ma ghogbu jressaq xhieda biex jippromwovi l-posizzjoni tieghu skond il-ligi;**

**Illi ghaldaqstant, stante li mhix pruvata, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**